# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun

**Laqgħa Nru. *27/2016***

Data: Il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2016

Ħin: 6.30p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri –Kunsillier
Is-Sinjura Carmen Borg - Kunsillier
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

Skużat: Is-Sur Vincent Bonello talab li jkun skużat minħabba mpenji familjari.

Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata minħabba mpenji ta' xogħol.

***Karen Camilleri** – Segretarju Eżekuttiv*

---

### AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Sala Joseph Zammit Cordina
4. Festival taċ-Ċikkulata
5. Skeda ta' Hlasijiet
6. Korrispondenza
7. Aġġornament

**Minuti – 24/*2016***

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 25 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 2 Punti mqajjma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li d-Diretturi ta' John's Garage kkonfermaw li ma jsibu l-ebda oggezzjoni li l-istatwa ta' Santa Liena tingieb fil-Kunsill, izda s-Sindku qal ukoll li talab li l-konferma tintbaghat bil-miktub. Is-Sindku nfurma wkoll li tkellem ta' Dr David Farrugia Sacco wkoll dwar dan il-kaz. **Statwa Santa Liena**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni biex ma jkunx hemm kunflitt ta' nteress, minhabba l-fatt li Dr Farrugia Sacco qieghed membru fil-Board ta' John's Group u l-Kunsill jinqeda bis-servizzi tieghu ukoll.

2.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li rega ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar il-Progett ta' Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat, fejn saru xi emendi fil-Bill of Quantities. Malli kollox ikun lest, il-Kunsill se jmexxi ghall-permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar. **Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat**

2.3 Is-Sindku fahhar l-attivita' li saret fl-okkazjoni tad-digriet li nghata l-Kappella tal-Madonna tas-Samra, fejn minn Kappella nghatat it-titlu ta' Santwarju. Is-Sindku fahhar ukoll l-inizzjattiva tal-Kunsillier Carmen Borg, fejn permezz tal-ezempju taghha, l-ghaqdiet lokali kollha offrew bukkett fjuri lill-Madonna. **Santwarju Madonna tas-Samra**

2.4 Is-Sindku fakkar li l-Gimgha, 30 ta' Settembru se ssir l-inawgurazzjoni tas-Sala Joe Zammit Cordina. Ic-Cerimonja se tibda fis-7.00 ta' filghaxija permezz ta' diskors mis-Sindku. Se jsiru wkoll diskors mis-Sur Salvinu Zammit, s-Sur Harry Zammit Cordina, diskors minn Dr Ray Mangion u wara jsir it-Tberik tas-Sala. Wara se jkun hemm bibita ghal dawk prezenti. **Inawgurazzjoni Sala Joe Zammit Cordina**

2.5 Is-Sindku nfurma lill-membri li diga hemm talba qawwija sabiex din is-sala tibda tintuza ghal-lezzjonijiet ta' kant, zfin u anke drama. Saret diskussjoni dwar l-uzu ta' din is-sala u gie deciz li tinhadem bye-law 'Uzu ta' Facilitajiet' sabiex ikun possibli li tingabar mizata (fee). Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li jkun ghaqli wkoll li l-Kunsill jigbor Garanzija finanzjarja sabiex taghmel tajjeb ghal abbuzi u hsarat li jistghu jsiru. Matul id-diskussjoni ntqal ukoll li z-zmien massimu ghall-uzu ta' din is-sala m'ghandux jeccedi t-tlett **Uzu Sala Joe Zammit Cordina**

xhur. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li l-lezzjonijiet tad-Drama organizzati mill-Kunsill u l-lezzjonijiet tal-Kant jistghu jibdew isiru fis-Sala Joe Zammit Cordina wkoll.

2.6 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Quotation ghas-Servizz ta' Event Co-Ordinator ghalqet u ntefghet stima wahda biss, mis-Sur Mario Camilleri ghall-prezz ta' €1750. **Quotation Event Co-Ordinator**

2.7 Il-Kunsillier Carmen Borg staqsiet ta' min kienet l-idea li l-Festival tac-Cikkulata ta' din is-sena jsir fi Triq il-Kbira San Guzepp . Is-Sindku nfurmaha li din l-issue diga giet diskussa f'Seduti precedenti. Is-Sindku nfurma wkoll li aktar kmieni matul il-gimgha ltaqa' mal-Ghaqdiet Lokali u s-Sidien tal-Hwienet. **Lokazzjoni Festival tac-Cikkulata**

2.8 Is-Sindku nfurma li l-Festival se jinzamm fi Triq il-Kbira San Guzepp, minn Triq Santa Marija sa Pjazza San Pawl, Triq il-Ferrovija ghal Triq id-Duluri u Triq Villambrosa. Is-Sindku nfurma li bejn Triq Santa Marija u l-Kappella ta' Porto Salvo issir Luna Park u Kids' Area. Jintrama palk quddiem Triq Tommaso Caruana Demajo. **Toroq li se jintużaw għall-Festival**

2.9 Is-Sindku spjega li tkellem mal-Espert Andrew Farrugia fejn infurmah li din is-sena l-attrazzjonijiet principali se jkunu t-Titanic li fih 21 pied u mudella ta' karozza tal-linja antika. **Main Attractions – Festival tac-Cikkulata**

2.10 Is-Sindku nfurma wkoll li kellu talba sabiex fi Triq Joe Zammit Cordina tinzamm Wirja ta' Statwi, liema wirja se jkun responsabbli minnha s-Sur Raymond Lia.

2.10 Is-Sindku nfurma li fil-bini tal-Hamrun Scouts se tinzamm wirja dwar il-Ferrovija mill-Malta Railway Association, filwaqt li fi Sqaq il-Ghajn se ssir Serata ta' Ghana, filwaqt li fi Triq Dun Nerik Cordina Perez jintramaw stands tal-ikel bl-imwejjed u s-siggijiet.

2.11 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Ghaqda Muzikali San Gejtanu se toffri s-servizz ta' banda, minghajr hlas, filwaqt li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp qed jitolbu hlas ta' bejn €400-€500. Is-Sindku nfurma wkoll li Mro Manuel Pirotta offra s-Servizz tal-Banda tal-Junior College ghall-hlas ta' €100.

2.12 Is-Sindku qal li matul dan il-festival it-talent Ħamruniż se jingħata prijorita'. Fuq dan l-ispunt, il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ diġa ġie avviċinat minn kantanti bħal Dario Mifsud Bonnici, Gaia Cauchi, Kevin Calleja u bosta oħrajn.

2.13 Is-Sindku nfurma li kellu laqgħa mal-Kumpanija Benna li min-naħa tagħhom ikkonfermaw li se jagħtu sponsor ta' € 3000.

2.14 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li tkun ħaġa sabiħa kieku jinġiebu xi animators.

2.15 Is-Sindku ppropona li jkun hemm sketches minn atturi li jduru fil-pubbliku.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li l-Kunsill joffri somma żgħira lill-baned lokali ta' mqar € 150, sabiex jipparteċipaw fil-Festival. Dan għaliex l-baned għandhom bosta spejjeż, fosthom biex iħallsu l-istess bandisti. Waqt id-diskussjoni nġibdet l-attenzjoni li mhux etikament korrett li titħallas banda barranija u ma jitħallsux il-baned tal-lokalita'.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li ġie nkarigat mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp jinfurma lill-Kunsill li l-Għaqda ma tistax tipparteċipa bil-Banda tagħha jekk mhux se jkun hemm xi tip ta' ħlas.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk inġabrux stimi għas-servizz ta' Dawl u Sound waqt il-Festival. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ispecifications tlestew u se jinġabru l-istimi meħtieġa.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li s-Sur Manuel Chircop se jkun qed jagħti s-servizz tiegħu bħala preżentatur fuq il-main stage, filwaqt li qed jistenna risposta mingħand is-Sinjura Tania Borg

Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jaħsbu ftit fejn jistgħu jitpoġġew il-main attractions wara l-festival.

Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jagħmlu sforz sabiex dan il-festival iżomm il-livell li dejjem kellu.

## 3 Skeda ta' Ħlasijiet

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni dwar ħlas Nru 41, fejn staqsa ta' xhiex kien il-ħlas mitlub.

Is-Segretarju Eżekuttiv ivverifikat mad-dokumenti tal-Invoices u ma sabet l-ebda invoice. Iżda ġie deċiż li għalissa dan il-ħlas ikun miżmum.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata.

## 4 Korrispondenza

**4.1** Inqrat il-korrispondenza u l-membri kollha qablu li dawn ma jafux ta' min huma l-binjiet vojta eżistenti fil-Ħamrun. **Binjiet Vojta fil-Ħamrun**

**4.2** Is-Sindku nfurma li kellu laqgħa mal-Kumpanija privata li toffri dan is-servizz ta' mobile cameras. Saret diskussjoni dwar l-offerta proposta u l-Kunsill approva li jidħol għall-ispiża ta' żewġ cameras. **Surveillance Anywhere with Any View**

**4.3** Is-Sindku nfurma li l-Kunsill kien beda l-proċess għall-Ġemellaġġ ma' Modica. S'issa l-Kunsill baqa' mingħajr risposta mingħand id-Dipartiment u dan l-aħħar ġie mħabbar li għamlu ġemellaġġ max-Xewkija. Dan l-aħħar Dr Aaron Farrugia avviċina lis-Sindku fejn infurmah li l-Comune di Serrone huwa nteressat jagħmel ġemellaġġ mal-Ħamrun. Tqajjmet diskussjoni u l-Kunsill approva li jinbeda l-proċess għall- **Proposta ta' Ġemellaġġ**

Ġemellaġġ mal-Belt ta' Serrone.

**4.4** Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li Fr Andrew qed jitħajjar li jorganizza Pellegrinaġġ Joint-Venture mal-Kunsill fl-okkażjoni tas-600 Sena Anniversarju minn meta l-Madonna tat il-Bambin lil San Gejtanu. Il-Kunsill approva li jikkollabora ma' Fr Andrew, għal din l-attivita' .

**Proposta ta' Pellegrinaġġ Joint-Venture mas-Santwarju tas-Samra.**

**4.5** Is-Sindku nfurma li l-Għaqda tan-Nar Immakulata Kunċizzjoni ħarġet bl-idea li tibda torganizza attivitajiet fit-toroq tal-Parroċċa. Is-Segretarja tal-Għaqda talbet li tiġi organizzata Serata ta' Għana bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali approva s-sehem tiegħu f'din l-attivita' u approva wkoll li jħallas s-Sound tal-istess attivita'.

**Talba għall-Finanzjament**

**4.6** Fuq dan l-ispunt is-Sindku ppropona li tinħadem attivita bejn l-Għaqdiet kollha tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni flimkien mal-Kunsill. Il-Kunsill approva din l-idea.

**4.7** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li tkun ħaġa sabiħa kieku l-Kunsill ifassal Policy dwar l-attivitajiet mal-Għaqdiet lokali u jsir capping tal-ispejjeż li jista' jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill.

**5** **Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**

**5.1** Is-Sindku spjega x-xogħol li qed isir mis-Sur Charles Tonna fil-Pjazza tal-Kunsill u ppreżenta stima ta' erba' statwi minn fejn il-Kunsill jista' jagħżel, sabiex issir fil-Pjazza ta' quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ppropona li ssir statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni u jekk hux possibli li jiġ pprovduti xi ritratti tal-istatwi li għalihom inġabru l-istimi. Saret diskussjoni dwar l-istatwi u ġie deċiż li tiġi aċċettata l-istima tal-istatwa li tiswa € 450.

**Statwa tal-Madonna fil-Pjazza tal-Kunsill**

**5.2** Is-Sindku ppreżenta proposta ta' Traffic Management ġdid fi Triq Joe Abela Scolaro. Tqajjmet diskussjoni fost il-membri u sar qbil li tissejjaħ laqgħa għar-residenti u businesses ta' Triq Joe Abela Scolaro, Triq is-Sewwieqa u Triq Farsons. Din il-laqgħa ġiet appuntata għat-Tnejn 10 ta' Ottubru 2016.

**Traffic Management Triq Joe Abela Scolaro**

**5.3** Is-Sindku ppropona li għall-Milied isiru żewġ presepji silhouette. Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet pittur sabiex jaħdem id-dellijiet u xi ħadd jaħdem il-forma bl-arkett.

**Milied 2016**

**5.4** Is-Sindku ppropona li fl-okkażjoni tal-Milied, il-Kunsill jorganizza Re-enactment tal-Purċissjoni bil-Bambin flimkien mas-Socjeta MUSEUM u jakkumpanjaw il-Purċissjoni attwali. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

**5.5** Is-Sindku nfurma lill-membri li ġie avviċinat minn xi persuni sabiex jibda jiġi organizzat Car Boot Sale. Tqajjem diskussjoni u ġew elenkati bosta problemi li tali attiiva' tista' tikkawża, bħal ħmieġ, storbju u konġestjoni tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li din l-attivita taf tkun qed toħloq monti żgħir u jinħolqu problemi kbar mar-residenti u s-sidien tal-ħwienet.

**Proposta ta' Carboot Sale**

**5.6** Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li l-Ħamrun Nursery Football Club qed jipproponu li jsiru bike stands fl-area tal-ground tan-Nursery. Il-Kunsill qabel li n-Nursery tressaq talba formali lill-Kunsill u jinġabru stimi għal Bike Stands.

**Bike Stands**

| | | |
|---|---|---|
| **5.7** | Is-Sindku nfurma lill-membri li l-pjanti tal-bankina quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni huma lesti u se jsiru l-permessi meħtieġa ma' Transport Malta sabiex jinbeda x-xogħol. Tqajjmet diskussjoni dwar id-dawl ta' quddiem il-Knisja u ġie deċiż li f'dan l-istadju jsir restawr tal-fanali li hemm fuq il-post. | **Rinnovar tal-bankina quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni.** |
| **6** | **Ilmenti u Ħwejjeġ Oħra** | |
| **6.1** | Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma li ħdejn l-HSBC hemm rampa perikoluża mal-bankina li qed tiżloq u tinsab ta' periklu. | **Rampa perikoluza fi Triq il-Kbira San Guzepp** |
| **6.2** | Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li l-Kunsill ġie propost li jattendi Kors dwar EU Funding u hu wera x-xewqa li jattendi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġaladarba l-impjegati ma jridux jattendu tali kors, ma ssib l-ebda oġġezzjoni li jattendi membru tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jiffinanzja l-ħlas ta' dan il-kors. | **Kors EU Funding** |
| **6.3** | Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li fi Triq Censu Borg hemm Un/Loading li m'għandhiex tintuża, biex titneħħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tieħu azzjoni dwar dan. | **Tneħħija ta' Un/Loading** |
| **6.4** | Il-Kunsillier Antonello Cuschieri infurma li fi Triq Villambrosa (bejn Triq Brighella u Triq Fra Diegu) hemm forn li qed iħalli tank mimli bl-injam u qed iħalli ħafna njam fuq il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tgħaddi rapport lill-Pulizija. | **Forn fi Triq Villambrosa** |
| **6.5** | Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li fi Triq it-Tramm hemm tabella ta' No Entry nieqsa. | **No Entry Sign maqlugħa** |
| **6.6** | Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li ssir manutenzjoni tar-roundabout eżistenti quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kunċizzjoni. | **Manutenzjoni ta' roundabout** |
| **6.7** | Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li fi Triq Villambrosa, ħdejn il-mużew tal-Bniet qed ikun hemm konġestjoni bil-ġenituri li jkunu qed jistennew lit-tfal joħorġu mill-mużew. Il-Kunsillier Cuschieri staqsa jekk hux possibli li nitkellmu mas-Soċi tal-Mużew sabiex it-tfal jibdew jinħarġu minn Triq Manwel Magri. | **Mużew Bniet Triq Villambrosa** |
| **6.8** | Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jgħin lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp fil-ħlas tal-kont tad-dawl, ta' meta taw l-approvazzjoni tagħhom sabiex id-dawl waqt is-serata tal-Lejla Italiana jittieħed mill-każin. Il-Każin approva din id-talba. | **Għajnuna lill-Għaqda Mużikali San Ġużepp** |
| **6.9** | Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa dwar it-tender tal-Ġbir tal-Iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li qed jinħadem id-dokument tat-tender sabiex meta jasal iż-żmien jinħareġ mingħajr dewmien. | **Tender Ġbir ta' Skart** |
| **6.10** | Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma li matul il-ġimgħa se jinbeda eżerċizzju, mis-Sotto Kumitat Ambejnt, mal-ħwienet tal-lokalita' sabiex titqajjem kuxjenza għal aktar indafa fil-lokalita'. | **Xogħol mis-Sotto Kumitat Ambjent** |
| **6.11** | Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li l-Kunsill japprova lis-Sur Manwel Chircop bħala membru ġdid fis-Sotto Kumitat Ambjent. Il-Kunsill approva unanimament. | **Approvazzjoni ta' membru fis-Sotto** |

**Kumitat Ambjent**

**6.12** Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li l-lezzjonijiet offruti mill-Kunsill 'SkolaSajf' intemmu b'suċċess. Saret ħarġa kulturali u t-transport kien offrut b'xejn mis-Sur Martin. **SkolaSajft**

**6.13** Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li f'Novembru se ssir Quddies u Buffet Breakfast. Barra minhekk infurmat ukoll li l-Weekend Break ippjanat għal Novembru huwa kollu fully booked. **Attivitajiet mill-Kunsill**

**6.14** Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li hi attendiet għal-laqgħa organizzata mill-Ministeru dwar il-Kors 'Għaqal fid-Dar', fejn ġie ppreżentat abbozz għas-sehem tal-Kunsill fl-organizzar ta' dan il-kors. **Kors Għaqal fid-Dar**

**6.15** Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li qed ikollha ħafna lmenti dwar il-Public Convenience li tinsab fi Triq id-Duka t'Edinburgh, liema public convenience tinsab fit-telgħa u għandha sular taraġ, ħaġa li xejn ma tgħin lill-anzjani ħamruniżi. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill għandu proġett ippjanat għall-manutenzjoni tal-letrina, iżda l-Kunsill qed jistenna risposta dwar il-finanzjament tal-iSkema Proġetti Kapitali. **Public Convenience Triq id-Duka t'Edinburgh**

## 7 Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-20.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2016, fis-6.00p.m.

_________________________
Christian Sammut
*Sindku*

_________________________
Karen Camilleri
*Segretarju Eżekuttiv*

Approvati Data: